**9 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Victor Cini

*versus*

Andrew Agius *et*

**Konvenju – Depożitu – Rifużjoni**

*L-attur fittex għal rifużjoni ta' flus li kien ħallas fuq konvenju. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi l-ħlas kien pagament bħala "depożitu" u mhux bħala "kapparra" u konsegwentement ordnat ir-rifużjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur wara li ppremetta li fit-30 ta' Mejju, 1980, kien obbliga ruħu li jixtri u jakkwista fond f'Marsascala mingħand il-konvenuti flimkien u *in solidum*, li obbligaw ruħhom li jbigħu u jitrasferixxu l-istess bil-prezz ta' għaxart elef lira (Lm10,000) soġġett għal erbgħin lira (Lm40) ċens fis-sena u b'kondizzjonijiet imsemmija f'konvenju li nżamm fil-pussess tan-Nutar George Cassar; u peress illi dan in-negozju ma seħħx u l-ebda parti ma sejħet lill-oħra għall-adempiment ta' l-obbligazzjoni kkontenuta

fl-isemmija skrittura u peress illi meta sar konvenju l-attur ħallas lill-konvenut, flimkien elf lira maltija (Lm1000) akkont tal-prezz u li għaliha ħallewlu l-konvenuti riċevuta fuq l-istess konvenju; u peress illi din is-somma hija restitwibbli lill-attur peress li l-bejgħ ma sarx effettivament; l-istess attur talab lil din il-Qorti li tikkundanna l-konvenuti solidalment jirrestitwixxu lilu s-somma ta' elf lira (Lm1000) mill-attur lilhom imħallsa antiċipatament u akkont tal-prezz miftiehem u konvenut tal-fond fuq imsemmi u liema negozju ma seħħx kif intqal u għar-raġunijiet fuq premessi; bl-imgħaxijiet kummerċjali skond il-liġi u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-10 ta' Marzu, 1981, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi d-domanda attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex l-istess somma kienet bħala kapparra u l-bejgħ ma sarx għall-ebda ħtija ta' l-eċċipjent;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-10 ta' Ottubru, 1986, li biha ddeċidiet il-kawża billi prevja li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti laqgħet it-talba ta' l-attur billi kkundannat lill-konvenuti li jirrifondu "*in solidum*" bejniethom is-somma ta' Lm1000 elf lira lill-attur għar-raġunijiet imsemmija;

Fiċ-ċirkostanzi kif fuq spjegat, l-imgħax kummerċjali għandu jibda jiddekorri mid-data tal-preżenti sentenza u l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u dan wara li rat u kkunsidrat dan li ġej u ċjoè:

Mhux ikkontestat li l-attur iffirma att ta' konvenju mal-konvenuti dwar xiri u bejgħ ta' fond f'Marsascala u li dak inhar

l-attur ħallas Lm1000 (elf lira maltija) lill-konvenuti. Jirriżulta wkoll li l-att pubbliku ma ġiex ippubblikat peress li n-negozju ma seħħx;

*Omissis;*

Illi jidher li hemm ċertu konflitt fil-provi dwar eżattament dak li ġie mniżżel fil-konvenju u dwar x'kellhom f'moħhom preċiżament iż-żewġ partijiet. Ċertament in-nuqqas tal-konvenju nnifsu, kif ukoll l-amnesija tan-Nutar li rrediġih jirrendu l-ġudizzju ferm aktar diffiċli;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tħoss li għandha tapplika b'analoġija l-insenjament ikkontenut fis-sentenza riportata fil-Koll. Vol. XXXII.III.558 li *"in dubiis melius est favere repetitio quam adventitio lucri"* u li għalhekk hemm lok għar-restituzzjoni tad-depożitu li sar ġà la darba n-negozju sfratta u ma ġiex ippruvat sodisfaċentement li depożitu sar taħt il-figura legali tal-kapparra jew l-"arra penitenzjali" skond l-art. 1409 tal-Kodiċi Ċivili;

Madankollu, din il-qorti tħoss li l-konvenuti ma jistgħux jiġu akkużati li mxew b'nuqqas ta' *bona fede,* għaliex ma hemmx dubju li n-negozju sfratta għaliex l-attur reġa' bdielu u x'aktarx li l-konvenuti ma insistewx li jagħtu esekuzzjoni fondata lill-konvenju għax l-attur kien wera fil-bidu li kien irrassenjat li jitlef id-depożitu li għamel. Kien biss meta għadda ħafna żmien li ntebaħ li seta' kellu dritt jitlob ir-rifużjoni tiegħu;

Għalhekk fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti hemm lok li jkun hemm temperament mhux biss fil-kap ta' l-ispejjeż iżda wkoll fir-rigward ta' l-interessi kummerċjali mitluba;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti pprežentata fl-20 ta' Ottubru, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuti Andrew u Anthony aħwa Agius ipprežentata fit-3 ta' Novembru, 1986, li biha talbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha *tirriforma* l-istess *sentenza ta' l-10 ta' Ottubru, 1986* billi *tirrevokaha* fil-parti fejn ikkundannat lill-esponenti jħallsu lill-attur appellat is-somma ta' Lm1000 bl-interessi kif imsemmi, u fil-parti fejn akkollat parti mill-ispejjeż tal-kawża fuq l-esponenti; u tikkonfermaha fejn ordnat li parti mill-ispejjeż jibqgħu għall-attur appellat bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-attur appellat;

Rat *ir-risposta* ta' Victor Cini pprežentata fis-27 ta' Novembru, 1986, li permezz tagħha huwa interpona appell inċidentali mis-sentenza ta' l-10 ta' Ottubru, 1986, u dan in kwantu l-ewwel *Qorti kienet* iddeċidiet li fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-imgħaxijiet fuq l-imsemmija elf lira għandhom jibdew jgħaddu mid-data ta' l-istess sentenza u li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u għalhekk talab li din il-Qorti *jogħġobha tikkonferma* s-sentenza appellata in kwantu li ordnat ir-rifużjoni tas-somma ta' elf lira (Lm1000) imħallsa mill-appellat, iżda tirriformaha billi tordna li l-imgħaxijiet għandhom jitħallsu mid-29 *ta' Awissu, 1980*, tliet xhur wara li sar il-pagament meta skada l-konvenju in kwistjoni essendo din materja kummerċjali, u f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa tordna li l-ispejjeż kollha ta' l-ewwel istanza *jkunu a kariku ta'* l-appellanti flimkien ma' l-ispejjeż ta' din l-istanza, waqt li tiċħadilhom l-appell tagħhom mis-sentenza ta' l-10 ta' Ottubru, 1986, fuq imsemmija;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-konvenut appellant jikkonsisti fil-fatt li fil-fehma tiegħu l-ewwel Qorti ma kinitx tat l-importanza meħtieġa għal kif ġraw il-fatti f'din il-kwistjoni u llimitat ruħha fuq jekk l-*Lm1000 kinux depożitu akkont tal-prezz jew kappara.* L-appellant jissottometti li dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza tagħha "Cutajar *vs* Tanti" deċiża mill-istess Qorti fit-8 ta' Ottubru, 1946 (Vol. XX.III.558) ma japplikax għall-każ in eżami billi l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti kellha tkun waħda u ċjoè dik li s-somma ta' Lm1000 kienet kapparra. L-appellant jissottometti wkoll li sussegwentement il-partijiet kienu ftehmu bejniethom dwar dik is-somma li kellha tintilef jekk ma jsirx il-kuntratt. Kwindi *skond l-istess appellant* anke jekk oriġinarjament is-somma ta' Lm1000 ma kellhiex tkun ikkonsidrata bħala kapparra, din ħadet il-karattru ta' kapparra sussegwentement minħabba l-ftehim ta' bejn l-istess partijiet;

Illi primarjament din il-Qorti trid tindaga fuq liema bażi oriġinarjament kienet tħallset is-somma ta' Lm1000 mill-attur. Jingħad minn issa stess li hu inspjegabbli l-mod kif ġie distratt l-att tal-konvenju bejn il-partijiet min-Nutar li kien idderiġieh. Lanqas m'huma sodisfaċenti r-raġunijiet mogħtija mill-istess Nutar. L-imsemmi konvenju kien ikun ċertament utili ħafna biex tiġi solvuta l-kwistjoni eżsitenti bejn il-partijiet f'qasir żmien. Il-prova tal-kontenut tiegħu issa jkollha ssir permezz tax-xhieda u provi oħra;

Illi *mhux* ikkontestat li tali konvenju bejn il-partijiet kien attwalment ġie ffirmat minnhom. Lanqas ma huwa kkontestat

li bejniethom għaddiet is-somma ta' Lm1000 u li l-partijiet ħallew l-imsemmi konvenju jiskadi mingħajr ħadd minnhom ma ħa passi biex jiżgura li l-istess jiġi nfurzat kontra l-parti l-oħra. Id-diverġenza bejn il-kontendenti teżisti biss fil-fatt li *waqt li l-attur* jallega li l-Lm1000 kienu ġew mogħtija bħala *"deposit"* akkont tal-prezz miftiehem u restitwibbli kwantu volte l-kuntratt finali ma jsirx, u min-naħa l-oħra *l-konvenut jgħid li s-somma "de quo"* kienet ġiet mogħtija bħala kapparra u mhux restitwibbli;

Illi fl-okkażjoni *li* fiha l-partijiet kienu ftehmu fuq in-negozju li kellu jsir kienu marru għand in-Nutar Dr George Cassar biex dan jirrediġilhom il-konvenju opportun kif fil-fatt għamel. Kien *il-konvenut li ssuġġerixxa li* jmorru għand l-istess Nutar għaliex jidher li kien għamel ħafna kuntratti oħra għandu (fol. 69). L-attur jgħid li wara li kien sar il-konvenju u ħallas Lm1000 hu *kien mar* id-dar, u kien għamel notament rigward in-negozju fuq il-librett li jinsab esibit a fol. 12 tal-proċess. Mill-istess jirriżulta li hemm notament entrat fit-30 ta' Mejju, 1980 in konnessjoni man-negozju *"de quo"*. Hemm imnizzel li l-konvenuti kienu bigħulu terran u *garage* f'Marsascala bil-prezz ta' Lm10,000. Fl-istess notamenti hemm imnizzel kif kellu jitħallas il-prezz tal-fond li kien ser jiġi ttrasferit. Is-somma ta' Lm*10,000* kellha *titħallas Lm1000 mal-konvenju dak in-nhar* stess, Lm7,000 kellha titħallas fuq il-kuntratt u l-bilanċ ta' Lm2000 fi żmien sena mill-kuntratt bl-imgħax tas-6% sal-*pagament*. L-*attur* la kellu jħallas u lanqas jitħallas ta' l-appoġġi tal-post *"de quo"*. Kien hemm impost fuq l-istess post ir-rata ta' Lm40 ċens fis-sena in perpetwu però ma kien dovut ebda lawdemju. Minn eżami tal-librett esibit jidher li l-attur kien iħobb jnizzel notamenti ta' l-affarijiet li jagħmel. Fuq il-konvenju l-attur kien ħa l-mara tiegħu. Din ukoll xehdet dwar il-ftehim *"de quo"* u dwar kif kellu jitħallas il-prezz tal-fond li kien ser jiġi

ttrasferit. Hija qalet ukoll li żewġha kien talab kopja tal-konvenju lin-Nutar però dan spiċċa biex ma tahielu qatt. Fl-aħħarnett hija kkonfermat li wara li kien sar il-konvenju dak in-nhar żewġha kien niżżel notamenti tal-ftehim li kien għamel, fuq il-librett esibit;

*Illi l-konvenut ukoll xehed u qal li l-Lm1000 li ħallas l-attur*, kienu ġew imħallsa bħala kapparra. Qabel għalaq it-terminu huwa kien kellem lill-attur għall-fini tal-kuntratt u dan kien qallu *li kien qed jaħsibha jagħmilx il-kuntratt. Meta fakkru li kien* ġà ħallas l-Lm1000 dan irrispondieh "issa nara". F'okkażjoni oħra l-attur kien saqsieh jekk huwa l-Lm1000 biss kien jitlef jekk ma jersaqx għall-kuntratt u hu kien irrispondieh "Iva". In-Nutar Cassar għad li qal, li hu ma kienx jiftakar dettalji rigward il-kontenut tal-konvenju, ftakar li l-partijiet kienu għamlu l-konvenju "*de quo*" u ftakar ukoll li fuq il-konvenju kien "tħallas parti mill-prezz" allavolja ma ftakarx kemm kien l-istess prezz eżattament u x'terminoloġija kien uża fir-rigward tal-ħlas. Il-konvenut l-ieħor Anthony Agius għad li kien preżenti fuq l-att tal-konvenju qal li "Dwar il-każ ma naf xejn", però qal ukoll li hu kien sħab ma' ħuh il-konvenut l-ieħor u li "l-elf lira (Lm1000) tħallsu "*deposit*" fuq il-konvenju. Dan ix-xhud kien qal hekk wara li kien mistoqsi jekk dawk l-Lm1000 tħallsu akkont tal-prezz;

Illi l-provi prodotti f'din il-kawża jkunu biċ-ċar li Lm1000 li fuqhom saret il-kawża kienu ġew imħallsin bħala *deposit* akkont tal-prezz tal-fond "*de quo*". *Minn* dak li qalu l-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti ma jirriżultax li qatt issemmiet il-kelma kapparra. In fatti kemm in-Nutar kif ukoll l-istess konvenut Anthony Agius qalu, wieħed li fuq il-konvenju tħallas parti mill-prezz u l-ieħor li l-Lm1000 kienu tħallsu bħala *deposit*. L-attur

*stess fil-librett esibit nizżel id-dettalji kollha rigward il-bejgħ bħall-*prezz, mod ta' kif kien ser jitħallas, ċens u anki appoġġi. Huwa però qatt ma uża l-kelma "kapparra" fl-istess notamenti;

Illi l-allegazzjoni li bejn il-kontendenti sussegwenti għall-konvenju, kien sar xi ftehim bejn il-partijiet rigward il-konvenju u skond dan l-attur kien aċċetta li jirrinunzja għas-somma ta' elf lira (Lm1000) u dan *per via di transazione*, m'hix sostnuta mill-provdi prodotti. Fil-fehma tal-Qorti tali ftehim qatt ma sar bejniethom. Jidher li l-attur ma kienx għadu ċert mill-implikazzjonijiet legali tas-sitwazzjoniji li kien jinsab fiha u wara li ħaseb fuqha, huwa kkonsulta ruħu mad-difensur tiegħu. Wara li aċċerta ruħu fuq il-kwistjoni huwa istitwixxa l-kawża preżenti. Apparti dan kollu l-artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Bla ħsara tal-każijiet li fihom il-liġi*, espressament, tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'Att Pubbliku jew b'kitba privata taħt piena ta' nullità.....(d) it-transazzjoni". Kwindi għalhekk anke kieku saret it-transazzjoni allegata mill-konvenuti appellanti din kienet tkun nulla;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur appellat interpona appell inċidentali mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u dan, in kwantu prevja li dehrilha li fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandu jkun hemm temperament mhux biss fil-kap ta' l-ispejjeż iżda wkoll fir-rigward ta' l-interess kummerċjali mitluba, kienet iddeċidiet li l-imgħaxijiet fuq imsemmija somma ta' Lm1000 għandhom jibdew jgħaddu *mid-data ta' l-istess* sentenza u li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet. Għandu jingħad li l-Ewwel Qorti kienet waslet għal dik il-konklużjoni dwar temperament fl-ispejjeż u *imgħaxijiet* dovuti għaliex kien dehrilha li kien hemm ċertu

konflitt fil-provi dwar x'kien eżattament dak li kien ġie mnizzel fil-konvenju *"de quo"* u x'kellhom f'rashom iż-żewġ partijiet;

Illi l-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija ma tarax li l-provi b'xi mod jiġġustifikaw li l-imgħax jibda jiddekorri f'data sussegwenti għall-iskadenza tal-konvenju. Fil-każ preżenti *si tratta* ta' imgħax kummerċjali, l-imsemmija somma ta' Lm1000 kienet dovuta liura mill-konvenuti malli skada l-konvenju u kwindi l-interessi kummerċjali huma dovuti *"ipso jure"* minn dak in-nhar. Lanqas ma tara l-Qorti li l-provi jiġġustifikaw xi temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-movtivi din il-Qorti qiegħda tiddisponi mill-appell tal-konvenuti Andrew u Anthony aħwa Agius u mill-appell inċidentali ta' l-attur Victor Cini billi tiċħad l-appell tal-konvenuti Andrew u Anthony aħwa Agius u billi tilqa' l-appell inċidentali ta' l-attur Victor Cini u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata ta' l-ewwel Qorti ta' l-10 ta' Ottubru, 1986, in kwantu din ikkundannat lill-konvenuti *"in solidum"* bejniethom jirrifondu lill-attur Victor Cini s-somma ta' Lm1000 u billi tirriforma s-sentenza appellata fejn din ordnat li l-imgħax kummerċjali fuq l-imsemmija somma ta' Lm1000 għandu jibda jiddekorri mid-data ta' l-istess sentenza appellata u l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti, billi tordna li l-imgħaxijiet kummerċjali fuq l-imsemmija somma ta' Lm1000 minflok jibdew jiddekorru mit-30 ta' Awissu, 1980 u tordna wkoll li l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jiġu sopportati mill-konvenuti Andrew u Anthony aħwa Agius.